MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2658/2002

**Dingli Co. International Limited**
**bhala mandatrici**
**tas-socjeta estera The Performing**
**Right Society Ltd**

**Vs**

**Victor Fabri.**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors li gie pprezentat fit-29 ta' April 2003 mill-konvenut u li permezz tieghu qieghed jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-digriet moghti minnu fis-seduta tat-22 ta' April 2003.

Ra r-risposta tas-socjeta attrici li giet ipprezentata fit-8 ta' Mejju 2003.
Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ digriet moghti fis-seduta tat-22 ta’ April 2003, it-Tribunal kien issospenda dawn il-proceduri ghal perjodu ta’ xahar sabiex il-konvenut ikun jista’ jipproponi l-azzjoni opportuna quddiem il-Qorti kompetenti. Dan wara li qies li l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut ma setatx tigi nvestigata minn dan it-Tribunal minhabba nuqqas ta’ kompetenza.

2. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ma ressaq l-ebda raguni valida li ghab-bazi taghha hemm lok li jigi revokat il-provvediment tat-22 ta’ April 2003. Dan apparti l-konsiderazzjoni li l-Artikolu 229(4) tal-Kap. 12 [li ghab-bazi tieghu gie pprezentat ir-rikors fid-29 ta’ April 2003] ma jirrizulta minn l-ebda provvediment tal-ligi li huwa applikabbli fir-rigward ta’ proceduri quddiem dan it-Tribunal.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------